MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 2446/1998/1

**Carmel Schembri u Mary Micallef bhala legittimi rappresentanti
tal-minuri Anthony Schembri**

**v.**

**Dorianne Zerafa**

**Il-Qorti:**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Lulju 2001. Il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li fih safa mtajjar il-minuri Anthony Schembri. L-atturi, bhala l-legittimi rappresentanti ta' l-imsemmi minuri, talbu lill-ewwel Qorti tiddikjara bhala unikament responsabbli ghas-sinistru lill-konvenuta Dorianne Schembri, tillikwida d-danni sofferti mill-minuri u tikkundanna lill-imsemmija konvenuta sabiex thallas id-danni hekk likwidati.

Ghall-konvenjenza qed tigi riprodotta fl-intier taghha s-sentenza appellata, sentenza li l-konkluzjoni taghha hi, bazikament, li ma giex sodisfacentement pruvat – u dan anke minhabba karenza ta' provi – li l-konvenuta kienet b'xi mod negligenti u allura responsabbli ghall-akkadut:

**"Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-minuri Anthony Schembri kien vittma ta' incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' Novembru 1997 fi Triq Guze Pace, Hamrun meta l-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura tal-marka Skoda bin-numru ta' registrazzjoni BAT - 563 b'negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, tajjret lill-minuri Anthony Schembri; u li kawza ta' dan l-incident il-minuri Anthony Schembri sofra danni konsistenti dizabilita' permanenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara li l-incident li sehh fl-1 ta' Novembru 1997 fi Triq Guze Pace il-Hamrun, meta safa mtajjar il-minuri Anthony Schembri sehh tort tal-konvenuta minhabba negligenza, mperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;

(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-minuri Anthony Schembri a kawza ta' dan l-incident;

(3) Tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-atturi dik is-somma hekk likwidata.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat li l-konvenuta giet debitament notifikata fid-29 ta’ Lulju 1997, kif jirrizulta mir-riferta relattiva *a tergo* ta’ fol. 18 tal-process, izda ma pprezentat ebda eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbali tat-28 ta’ Novembru 1999, tal-10 ta’ Dicembru 1999, tas-7 ta’ Marzu 2000 fejn gie nominat Mr. Carmel Sciberras sabiex jirrelata dwar l-allegata dizabilita’ permanenti tal-istess minuri.

Rat l-verbali tal-11 ta’ Mejju 2000, 20 ta’ Gunju 2000, 10 ta’ Lulju 2000, u 9 ta’ Ottubru 2000 fejn l-istess perit mediku halef ir-rapport, u l-kawza baqghet differita ghall-ezami tar-rapport ghat-23 ta’ Novembru 2000.

Rat l-affidavits ta’ Miriam Micallef u Rita Saliba a fol. 22 u 24 tal-process.

Rat ir-relazzjoni medika tal-perit mediku Mr. Carmel Sciberras M.D. FRCS a fol. 35 sa 39 tal-process.

Rat il-verbali tat-23 ta’ Novembru 2000, 8 ta’ Frar 2001, 29 ta’ Marzu 2001, 27 ta’ April 2001, fejn xehed Anthony Schembri u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-12 ta’ Lulju 2001, bil-fakolta’ lill-konvenuta tipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet bin-notifika lill-kontro-parti li jkollhom ghoxrin (20) gurnata ghan-nota responsiva.
Rat ir-rikors tal-atturi tat-28 ta’ Gunju 2001 u d-digriet tal-Qorti tat-12 ta’ Lulju 2001 fejn laqghet it-talba u ammettiet il-prezentata tal-istess nota ta’ osservazzjonijiet.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi tat-28 ta’ Gunju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din l-azzjoni saret mill-atturi stante li qed jallegaw li fid-data tal-1 ta' Novembru 1997, binhom Anthony Schembri, safa' imtajjar mill-vettura Reg. No. BAT - 563, li kienet misjuqa mill-konvenuta, waqt li l-istess minuri kien qed jaqsam it-triq f'Guze Pace Street, Hamrun, u li l-istess konvenuta kienet responsabbli ghall-istess incident peress li kienet negligenti.

Illi mac-citazzjoni attrici gie esebit ir-*Road Accident Report* li jindika lill-konvenuta bhala s-sewwieqa u l-proprjetarja tal-vettura in kwistjoni, u bhala *"brief description of accident"* hemm li *"whilst car No. BAT - 563 was being driven along G. Pace Str. Scicluna a boy suddenly crossed the street from b/w parked cars and was hit by BAT - 563 (according to Zerafa). Schembri does not remember anything".*

Illi fl-okkorenza esebita a fol 6 tal-process jinghad li "*Dorianne Zerafa was driving car No. BAT - 563……along G Pace Street coming from the direction of Santa Venera towards Blata l-Bajda when a boy (Anthony Schembri) crossed the street from b/w two parked cars and running attempted to cross the street with the consequence that although she managed to brake (9 metres brake marks left on the scene of the accident) she hit Schembri who was thrown on the ground".*

Illi fl-affidavit ta' **Miriam Micallef**, omm l-istess minuri, hija sostniet li hija baghtet lit-tifel jixtri ghaliex il-hanut ma kienx il-boghod u kien fi triq kwieta li ma tantx jghaddu karozzi minnha, fejn hemm ukoll skola u wkoll zewg *sleeping policemen*, li bejniethom kellu jaqsam it-tifel. Ftit wara cemplitilha certu Marita li qaltilha biex tmur l-Isptar ghaliex kienu laqtu lit-tifel li kien ser jigi operat l-Isptar, li kellima biss l-ghada u qalilha li kien wasal biex jaqsam it-

triq u kif wasal f'nofs it-triq ra zewg karozzi gejjien lejh, wahda kienet gejja bil-mod u l-ohra kienet gejja b'velocita' kbira, sabiex taqbez il-karozza l-ohra li kienet gejja bil-mod, kienet din il-karozza li kienet gejja b'velocita' u misjuqa minn Doriane Zerafa li laqtet lit-tifel.

Rat l-affidavit ta' **Rita Saliba** li sostniet li hija rat hafna nies fit-triq, marret tara u rat lill-minuri f'nofs it-triq ma' l-art, li kien mimli demm, u f'nofs it-triq kien hemm karozza wieqfa u hdejha kien hemm Doriane Zerafa is-sewwieqa tal-istess vettura; sostniet li l-karozza kienet fuq in-naha tal-lemin tat-triq *"wrong side".* L-incident gara bejn zewg *sleeping policemen* u bejniethom hemm ghoxrin (20) metru. Marret mieghu fl-ambulanza u t-tifel qalilha li kien qed jaqsam it-triq u giet karozza tigri hafna u tajritu, minghajr ma tatu cans jevitaha.

Illi huwa principju bazilari fil-gurisprudenza nostrali li min jallega fatt ghandu l-oneru tal-prova tieghu, u applikat dan il-principju ghall-kaz odjern ifisser li l-atturi ghandhom il-piz li jippruvaw li l-konvenuta kienet responsabbli tal-incident tal-1 ta' Novembru 1997 f'Triq Guze Pace, il-Hamrun, meta il-minuri Anthony Schembri safa' investit mill-karozza BAT-563.

Illi dan l-istess atturi ghandhom l-oneru li jaghmluh nonostante li l-konvenuta baqghet kontumaci, stante li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni izda opposizzjoni, u ghalhekk xorta l-atturi jridu jipprovaw l-allegazzjonijiet minnhom vantanti u partikolarment li l-incident *de quo* gara minhabba negligenza da parte tal-istess konvenuta.

Illi l-unici provi li ingabu kienu biss ta' omm il-minuri Mary Micallef u certu Rita Saliba li t-tnejn li huma ma rawx l-incident u ghalhekk x-xhieda taghhom, fl-opinjoni ta' din l-Qorti certament ma twassalx ghall-grad ta' prova li trid il-ligi sabiex tigi stabbilita' in-negligenza allegata tal-istess konvenuta.

Illi xehed ukoll l-istess **minuri** li sostna huwa gie biex jaqsam it-triq u hares tlett darbiet u ra li ma kienux gejjin karozzi u kif wasal f'nofs it-triq ra zewg karozzi gejjin u

sabhom ma wiccu min naha tax-xellug tieghu meta huwa kien f'nofs it-triq, ipprova jiskapula wahda billi resaq pass lura w intlaqat mill-konvenuta, wara intilef minn sensieh.

Illi jigi nnutat li abbazi ta' din ix-xhieda kollha prodotta mill-atturi xorta ma hemm xejn li jindika negligenza da parte tal-istess konvenuta, u dan peress li jirrizulta anke mix-xhieda tal-istess minuri li huwa ra biss il-karozza li laqtitu mal-impatt, u wkoll sostna li huwa kien esplora it-triq qabel ma qasam u ma ra xejn, xhieda li ma hijiex verosimili, stante li la darba it-triq hija wahda dritta u hemm vizzwali tajba u twila ghal min ikun qed jaqsam l-istess triq, il-fatt li l-minuri ma rax il-karozza hlief mal-impatt jindika li huwa ma esplorax it-triq sew qabel ma qasam.

Illi huwa veru li l-fatt li d-daqqa saret f'nofs it-triq tista' timplika xi nuqqas da parte tal-istess konvenuta, pero' dan huwa ghal kollox newtralizzat mis-segwenti konsiderazzjonijiet

(a) fl-ewwel lok mill-fatt li waqt li kien qed jaqsam l-istess minuri ghamel ukoll pass lura li kawza tieghu sar impatt mal-vettura tal-konvenuta, liema manuvra certament fixklet izjed lill-konvenuta probabilment mahsuda bl-azzjoni bla hsieb tal-istess minuri li jaqsam l-istess triq bil-mod li ser jigi iktar il-quddiem spjegat.

(b) fit-tieni lok ghaliex abbazi tar-*road accident report* li gie esebit mill-atturi nnifishom jirrizulta car u tond li skond is-surgent li investiga l-incident l-istess minuri qasam it-triq minn bejn zewg karozzi pparkjati, u jekk wiehed jiehu inkosiderazzjoni biss il-presenza tal-istess karozzi pparkjati, u tenut kont li t-triq ma hijiex xi wahda wiesgha, r-risultanza hija li hekk kif wiehed jaqsam it-triq minn hdejn l-istess karozzi fi kwistjoni ta' ftit passi mill-ewwel jasal ghan-nofs it-triq.

Illi ghalhekk fuq l-iskorta tal-provi prodotti f'din il-kawza, u din il-Qorti hija marbuta li tikkonsidra biss l-istess provi mill-atti processwali ma jirrizultax li l-atturi rnexxilhom jippruvaw li l-incident mertu tal-kawza odjerna sar minhabba negligenza da parte tal-konvenuta, anzi mill-

istess provi ghandu jirrizulta l-kuntrarju, u cioe' li l-minuri ma hax il-prekawzzjonijiet necessarji sabiex jaqsam it-triq b'diligenza u b'kawtela rikjesta mill-ligi sabiex jittraversa t-triq minghajr perikolu ghalih u ghall-utenti l-ohra tal-istess triq. Illi *di piu'* l-allegazzjonijiet ta' *speed* eccessiv u ohrajn maghmula mill-atturi fil-konfront tal-istess konvenuta lanqas ma gew ppruvati.

Illi f'dan il-kuntest huwa sintomatiku dak li gie ritenut fis-sentenza **"Joseph Micallef vs Joseph Sammut"** (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001 u cioe' li:-

*"Illi ma dan irid jinghad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq, u fil-fatt irid jipprova li huwa "used such care for his own safety as is a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances"* ***(Gibb para. 127) .***

Illi applikati ghall kaz *de quo* u mill-provi prodotti jirrizulta u jidher li l-minuri ma hax il-prekawzzjonijiet necessarji qabel ma qasam it-triq minn wara l-vettura pparkjata u dan peress li huwa  qabad u hareg minn wara l-istess vettura bla ma esplora it-triq sew bil-konsegwenza li huwa hasad lil konvenuta li sabithu ma wiccha, u li kompla jikkonfondiha meta waqt li kien qed jaqsam ghamel ukoll pass lura.

Illi huwa ovvju li f'dawn ic-cirkostanzi l-minuri naqas milli josserva dak li hemm indikat f'pararafu 20 tal-*Highway Code* li jipprovdi li wiehed ghandu jiehu *"extra care if your view is restricted by parked or stationary vehicles or by other obstructions".*

Illi huwa relevanti dak li inghad fis-sentenza **"Rita Calleja vs Joseph Agius"** (P.A.JSP. 5 ta' Ottubru 1995 - Vol. LXXIX.ii.1277) fejn gie riaffermat il-principju li:-

*"Jekk pedestrian ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-driver li jkun qieghed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-driver m'ghandux jigi tenut hati ta'*

*sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza"* (Vol.XXXIX - iv.1031).

Illi jekk wiehed jezamina r-*Road Accident Report* esebit mill-atturi innifishom jirrizulta li t-tezi tal-minuri hija iktar inverosimili u dan ghaliex fl-istess rapport hemm indikat car u tond li l-minuri qasam minn bejn zewg karozzi pparkjati u dan huwa bbazat fuq dak li qalet il-konvenuta *a tempo vergine* tal-incident lill-ufficjal investigattiv, li stranament lanqas ittella' biex jixhed f'din il-kawza.

Illi jirrizulta li l-istess rapport huwa ibbazat fuq l-okkorenza li saret wara l-investigazzjonijiet mis-Suregent P.S. 283 Carmelo Costa u li tinsab esebita a fol. 6 sa 8 tal-process mill-liema okkorenza jirrizulta li l-istess minuri qatt ma ta il-versjoni tieghu direttament lill-pulizija stante li kien intilef minn sensieh, u baqa' hekk anke meta l-pulizija marru l-Isptar San Luqa. Meta l-istess pulizija reggha kellmu fil-presenza ta' missieru l-ghassa u anke marru fuq il-post tal-incident l-istess surgent nizzel hekk fl-okkorenza tieghu:-

*"Anthony Schembri was spoken to on the 3rd November 1997 at about 0135 hrs. At at the police station he could not make himself clear as to what happened. The police accompanied Schembri (accompanied by his father) to the place of the incident where Anthony Schembri stated that he was crossing the road from the side opposite the school towards the school's side and that when he was nearly in the middle of the road from his right he noticed two cars approaching each other.*

*On realising that the car on the right side of the road was going to hit him he moved backwards and consequently was hit by the other car which he described as a grey car. He insisted that the cars were racing each other.*

*When the police showed Schembri the sketch drawn on the spot of the incident and particularly to the fact that the evidence that the police had showed that the car which had hit him was coming from the opposite direction and*

*that he had crossed from the other side of the road he was adamant and stuck to his version of the story.*

*Carmel Schembri, the father of Anthony Schembri stated that he had witnesses to the fact that the car that had hit his son was being driven by a man and that the car had approached his son from the other direction and not as shown on the police sketch. Schembri was adviced to produce these witnesses".*

Illi minn dan jidher li anke wara li ghadda l-incident, l-istess minuri certament ma kienx car dwar l-istess u dan anke irrizulta minn din il-kawza stante li fix-xhieda tieghu fis-27 ta' April 2001 l-istess minuri ammetta li kien qed jaqsam mill-bankina tan-naha tal-iskola u mhux min-naha l-ohra. Din il-versjoni ta' minn fejn qasam it-tifel tinsab ikkonfermata minn Rita Saliba fl-istess okkorenza li *"when informed of the boy's version of the incident she stated that the boy was mistaken…".* (fol.8). Illi jinghad ukoll li fl-affidavit taghha, kuntrarju ghal dak li hemm fl-okkorenza, ma sostnietx li hija rat l-incident isehh, u certament dan ma jirriflettix tajjeb lanqas ghall-versjoni tal-atturi, stante li din kienet l-unika xhud estraneja mill-partijiet li huma ressqu f'din il-kawza.

Illi l-persuni li tressqu quddiem il-pulizija sabiex jaghtu l-versjoni taghhom tal-istess incident u interrogati mill-pulizija fis-7 ta' Novembru 1997 konsistenti f'certu Doris Gatt ta' 82, Eldorado Street, Hamrun u Jessie Tabone ta' l-istess indirizz it-tnejn qalu li ma rawx l-incident isehh, u certament ghalhekk li tali versjonijiet anke jekk fl-okorrenza biss, xorta ma jikkoroborawx il-versjoni tal-atturi.

Illi in vista ta' dan, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief abbazi tax-xhieda prodotta tiddeciedi li l-allegazjonijiet tal-atturi ma gew bl-ebda mod pruvati u wkoll ghaliex il-versjoni tal-istess atturi hija ghal kollox inverosimili, mhux ppruvata u lanqas ikkoroborata, u *di piu'* inkonsistenti mal-versjonijiet moghtija minnhom stess u mad-dokumenti esebiti mill-atturi nnifishom fl-atti processwali ta' din il-kawza, u ghalhekk jirrizulta li l-atturi ma rnexxilhomx

jippruvaw l-allegazzjoni taghhom fil-konfront tal-istess konvenuta, anke jekk l-istess konvenuta baqghet kontumaci.

Illi ghalhekk in vista ta' dak premess l-ewwel talba attrici ghanda tigi michuda u konsegwentement anke t-tieni u t-tielet talbiet attrici ghad-danni stante li l-konvenuta, la darba ma kienitx responsabbli ghall-incident *de quo* ma ghandha tirrispondi ghall-ebda responsabilita' dwar danni allegatament ikkawzati minhabba l-incident mertu tal-kawza odjerna.

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi ghalkemm fil-kontumacja tal-konvenuta, **tichad it-talbiet attrici** bhala infodnati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi."

L-aggravju ta' l-appellanti huwa in sostanza li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi migjuba quddiemha. Skond l-appellanti, il-konvenuta – li kienet kontumaci quddiem l-ewwel Qorti, u li anke quddiem din il-Qorti, cioe` fi stadju ta' appell, ma ppresentat ebda risposta ghar-rikors ta' appell – kienet negligenti ghax l-incident gara hdejn skola fejn hemm zewg "sleeping policemen" u sinjal "slow", u allura kellha tuza aktar attenzjoni milli wiehed juza f'lokalitajiet ohra; kif ukoll peress li hija kienet ghaddejja b'velocita` skonsiljata ghall-lokal in kwistjoni.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha prodotti mill-atturi. Dan il-process hu karatterizzat minn <u>karenza</u> ta' provi, kif gustament osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Hekk, per ezempju, ghalkemm giet prodotta fotokopja tar-*road accident report* tal-pulizija kif ukoll fotokopja tal-okkorrenza (f'forma ta' *computer printout*) – fol. 4 sa 8 ta' l-atti – l-atturi anqas hassew il-htiega li jezibixxu kopja tal-iskizz tal-pulizija, jew li jipproducu bhala xhud lill-ufficjal tal-Pulizija li rrediga l-istess rapport u li investiga dak li instab fuq il-post tas-sinistru. L-uniku xhud

ta' dak li effettivament sehh nhar l-1 ta' Novembru 1997 f'xi l-4.20 ta' wara nofs in-nhar huwa l-minuri stess. Minn din id-deposizzjoni ma tista' tingibed ebda konkluzzjoni li l-appellata kienet b'xi mod negligenti, u dan anke jekk wiehed kellu jinjora dak li hemm fl-okkorrenza u cioe` li jumejn wara l-incident *"When the police showed Anthony Schembri the sketch drawn on the spot of the incident and particularly to the fact that the evidence that the police had showed that the car which had hit him was coming from the opposite direction and that he had crossed the road from the other side of the road he was adamant and stuck to his version of the story."* Fi kliem iehor, jumejn wara l-incident il-versjoni tat-tifel kienet tmur kontra l-provi kollha li kellhom il-Pulizija ghal dik li hi d-dinamika tal-incident riferibbilment ghad-direzzjoni tal-karozza li laqtitu u ghal minn fejn kienb qed jaqsam. Biex tkompli tikkomplika kollox, din il-kopja ta' l-okkorrenza – ezibita mill-istess atturi – tkompli hekk: *"Carmel Scembri the father of Anthony Schembri stated that he had witnesses to the fact that the car that had hit his son was being driven by a man and that the car had approached the car from the other direction and not as shoen in the police sketch."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fir-rikors ta' appell taghhom, l-appellanti jghidu li *"…mill-provi irrizulta biss illi t-tifel kien qieghed jaqsam bil-mod u bl-attenzjoni."* L-ewwel Qorti kkonkludiet li kien ferm inverosimili li l-minuri esplora sew it-triq qabel ma qasam, u li kollox kien jindika li huwa qasam minn bejn karozzi li kienu parkeggjati fil-genb minghajr ma esplora sew, b'mod li kien hu li holoq emergenza subitanea ghas-sewwieq. Issa, kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti kemm-il darba ma tasalx ghall-konkluzzjoni li dak l-apprezzament kien manifestament zbaljat. Mill-kumpless tal-provi prodotti, skarni kif inhuma, din il-Qorti ma tara assolutament ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti sia dwar il-mod kif x'aktarx qasam Anthony Schembri kif ukoll dwar li ma giex ippruvat li l-appellata kienet b'xi mod negligenti. Jinghad in partikolari li l-*brake marks* imsemmija fil-kopja ta' l-okkorrenza – 9 metri – ma jindikawx velocita` in eccess

ghal dik regolamentari ta’ hamsin kilometru fis-siegha ghal *built up area*. Huwa veru li fit-triq hemm skola u zewg “sleeping policemen”, u anke sinjal “slow” minhabba din l-iskola, pero` huwa daqstant veru wkoll li l-incident ma garax fil-hin li t-tfal ikunu qed jiskulaw jew dehlin fl-iskola, u li l-minuri ma kienx gej jew sejjer mill-iskola izda kient intbaghat fuq qadja biex jixtri L-allegazzjoni fir-rikors ta’ appell li l-konvenuta *“…kienet ghaddejja bi speed gholi”* (fol. 83) tibqa’ semplici allegazzjoni, u ma hijiex suffragata – kif qed jippretendu l-appellanti – b’dak li xehed it-tifel. In fatti l-imsemi minuri, mistoqsi specifikatament mill-avukat difensur tal-atturi:

“Il-karozzi kienu mexjin bil-mod jew kif kienu ghaddejjin?”[1]

wiegeb hekk:

“Ma nafx jien sibthom ma’ wicci. Nahseb kienu qed jghagglu hu.”[2] (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Jekk, kif kollox jindika, it-tifel hareg bla ma esplora sew minn bejn zewg vetturi parkeggjati, huwa ovvju li ser isib ma’ wiccu vettura jew vetturi.

Kollox ma kollox din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddisturba l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti.

Konsegwentement tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Fol. 49.
[2] Fol. 50.